# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**(President)**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 26 ta' Novembru, 2020**

**Numru 4**

**Rikors numru 173/16 AGV**

**Salvina sive Sylvia Azzopardi Herbert**

**v.**

**Joseph Azzopardi**

**Il-Qorti:**

1. Il-konvenut appella mis-sentenza tal-10 ta' Ottubru 2019 tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) li titratta dwar il-firda tal-konjuġi Azzopardi li żżewġu fit-3 ta' Awissu 1997 u minn liema żwieġ ma kellhomx tfal.

2. Fit-30 ta' Ottubru 2019 il-konvenut ippreżenta r-rikors tal-appell u l-aggravju tiegħu hu:

> *"Illi l-ewwel Qorti għamlet apprezzament ħażin tal-provi u dan prinċipalment għall-fatt li l-ewwel Qorti, minkejja li tat digriet sabiex l-appellant jiġbor l-affarijiet tiegħu mid-dar matrimonjali, fost liema affarijiet kien hemm dokumenti u servers b'att ta' data, baqa' ma ngħatax tali affarijiet;*
>
> *"Illi proprju riċentement huwa reġa' akkwista aċċess għal wieħed mis-servers li huwa kellu hemm hekk hemm il-provi li huwa kien għamel riferenza għalihom fir-risposta ġuramentata tiegħu.*
>
> *"Illi minħabba dan il-fatt, huwa ma kellux aċċess għal din id-data u l-provi oħra li għandhom fil-pussess tal-attriċi u dan ħoloq preġudizzju kbir għalih, liema preġudizzju ġie rifless fis-sentenza mogħtija mill-ewwel Qorti bejn il-partijiet"*.

3. Għaldaqstant talab lil din il-Qorti sabiex:

> *".... tħassar, tirrevoka u tikkanċella s-sentenza tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fl-ismijiet premessi mogħtija fl-10 ta' Ottubru 2019 per Onor Imħallef A. Vella u, wara li tawtorizza lill-appellant jippreżenta d-dokumenti in sostenn tal-eċċezzjonijiet u l-kontro-talba tiegħu, tilqa' talbiet tal-appellant bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attriċi appellata"*.

4. L-attriċi wieġbet u qalet li s-sentenza tal-ewwel Qorti hi ġusta u din il-Qorti għandha tiċħad l-appell. Il-konvenuta qalet li wara digriet tal-qorti kien mar flimkien mal-pulizija u ħa server u xi kompjuters, u numru kbir ta' oġġetti; *"Bir-rispett jiġi sottomess illi huwa pjuttost kontradittorju kif filwaqt li jilmenta li huwa ma ħax l-affarijiet tiegħu, hu jgħid li huwa akkwista aċċess għal wieħed mis-servers tiegħu reċentement u dan meta huwa mar bil-pulizija u ħa l-istess oġġetti iktar minn sena ilu"*.

5. Wara li l-qorti rat l-atti tikkonkludi li hu evidenti li quddiem l-ewwel Qorti l-konvenut ma ressaqx provi.

6. B'rikors preżentat fis-6 ta' Marzu 2018 il-konvenut talab lill-qorti sabiex tawtorizzah jieħu mid-dar matrimonjali kompjuters u servers ta' terzi u ħwejġu personali. B'digriet tas-7 ta' Marzu 2018 l-ewwel Qorti laqgħet it-talba tal-konvenut. Dan wara li l-ewwel Qorti b'digriet tas-16 ta' Frar 2018 laqgħet it-talba tal-attriċi sabiex tordna lill-konvenut joħroġ mid-dar matrimonjali. Fil-fatt fis-27 ta' Frar 2018 sar l-iżgumbrament permezz tal-uffiċjal eżekuttiv tal-qorti (fol. 177).

7. Mill-atti ma jirriżultax li l-konvenut għamel xi ħaġa għall-finijiet ta' eżekuzzjoni tad-digriet mogħti fis-7 ta' Marzu 2018. Lanqas ma jirriżulta li fil-kors tal-kawża lmenta li fid-dar kien hemm kompjuters tiegħu li fihom kien hemm provi għall-każ ta' separazzjoni, u li martu kienet qiegħda tostakolah biex jeħodhom wara l-imsemmi digriet. F'dan ir-rigward issir riferenza għal dak li xehed in subizzjoni fis-seduta tal-20 ta' Novembru 2018 u 19 ta' Frar 2019 quddiem l-Assistent Ġudizzjarju. Matul dawk is-seduti ma lmentax li martu kienet qiegħda ċċaħħdu milli jkollu aċċess għall-provi li kellu bżonn sabiex ikun jista' jiddefendi ruħu fil-kawża. L-istess waqt is-seduti li saru quddiem l-ewwel Qorti, ma jirriżultax li l-konvenut qatt ilmenta. Dan apparti li għalkemm fis-seduta tat-12 ta' Ottubru 2017 il-konvenut ingħata żmien sabiex jippreżenta l-affidavit

tiegħu, naqas milli jippreżentah. Fir-rikors tal-appell lanqas ma spjega x'setgħu kienu l-provi li llum qiegħed jgħid li hemm fil-kompjuters.

8. Il-qorti żżid li fir-rikors li ppreżenta fis-6 ta' Marzu 2018 il-konvenut ma semmiex li fid-dar hemm xi kompjuters u servers li huma tiegħu, u li fihom provi li kienu rilevanti għall-kawża ta' firda. It-talba f'dak ir-rikors kienet bażata fuq il-premessa li:

> *"Illi pero l-esponent, fid-dar matrimonjali, għandu numru ta' computers u servers li huma ta' terzi peress illi jsewwi l-computers fuq bażi part time. Is-servers jikkontjenu informazzjoni ta' terzi u għalhekk huwa importanti ħafna li dawn jiġu ritornati lill-proprjetarji tagħhom. Apparti minn hekk għandu wkoll ħwejġu personali"*.

9. Magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet il-qorti tikkonkludi li l-ilment tal-konvenut hu infondat.

Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata bl-ispejjeż kontra l-konvenut.

| | | |
|---|---|---|
| Giannino Caruana Demajo | Tonio Mallia | Anthony Ellul |
| President | Imħallef | Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm